# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/477

## tat-18 ta' Marzu 2021

## li tapprova emendi ippreżentati mill-Finlandja u mill-Iżvezja għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u prodotti ġejjin mill-annimali

*(notifikata bid-dokument C(2021) 1672)*

**(It-testi bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-programm operattiv ippreżentat mill-Finlandja għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali, li jkopri fost l-oħrajn l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla, kif ukoll iċ-ċanga, il-majjal u l-laħam tat-tjur, ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/968/KE ([2]).

(2) Il-programm operattiv ippreżentat mill-Iżvezja għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali, li jkopri fost l-oħrajn l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla, kif ukoll iċ-ċanga u l-majjal, ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/50/KE ([3]).

(3) Il-programm nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* ippreżentat mill-Finlandja ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/759/KE ([4]), il-programm nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat ta' tiġieġ *Gallus gallus* li jbidu ppreżentat mill-Finlandja ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/848/KE ([5]), il-programm nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat ta' brojlers *Gallus gallus* ippreżentat mill-Finlandja ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/815/KE ([6]) u l-programm nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella fid-dundjani ppreżentat mill-Finlandja ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/771/KE ([7]).

(4) L-emendi tal-programm għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* ippreżentat mill-Finlandja ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/849/KE ([8]).

(5) Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Finlandja ppreżentat lill-Kummissjoni l-emendi għall-approvazzjoni tal-programm operattiv tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u prodotti tal-annimali fir-rigward taċ-ċanga u l-majjal, il-laħam tat-tjur u l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla, kif ukoll l-emendi tal-programmi nazzjonali tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus*, f'qatgħat ta' tiġieġ ta' *Gallus gallus* li jbidu, f'qatgħat ta' brojlers ta' *Gallus gallus*, u fid-dundjani.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/968/KE tat-28 ta' Diċembru 1994 li tapprova l-programm operattiv għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali ippreżentat mill-Finlandja (ĠU L 371, 31.12.1994, p. 36).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/50/KE tat-23 ta' Frar 1995 li tapprova l-programm operattiv għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali ppreżentat mill-Iżvezja (ĠU L 53, 9.3.1995, p. 31).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/759/KE tat-8 ta' Novembru 2006 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 46).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/848/KE tal-11 ta' Diċembru 2007 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat ta' tiġieġ ta' *Gallus gallus* li jbidu (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 83).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/815/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat ta' brojlers tal-*Gallus gallus* (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 43).
([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/771/KE tal-20 ta' Ottubru 2009 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella fid-dundjani (ĠU L 275, 21.10.2009, p. 28).
([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/849/KE tat-12 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-emendi tal-programm nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* ippreżentat mill-Finlandja (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 85).

(6) Fis-26 ta' Novembru 2019, l-Iżvezja ppreżentat lill-Kummissjoni l-emendi għall-approvazzjoni tal-programm operattiv tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u prodotti tal-annimali fir-rigward taċ-ċanga u l-majjal, l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla.

(7) L-emendi proposti għal dawn il-programmi ġew ippreżentati lill-Istati Membri fil-laqgħa tal-10 ta' Diċembru 2020 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Dawn iqisu l-evoluzzjoni fis-sitwazzjoni tal-Finlandja u tal-Iżvezja u jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-emendi fir-rigward taċ-ċanga, il-majjal, il-laħam tat-tjur, u l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla, li l-Finlandja ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2020 fir-rigward tal-programm operattiv tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 94/968/KE, huma approvati.

*Artikolu 2*

L-emendi fir-rigward taċ-ċanga, il-majjal, il-laħam tat-tjur, u l-annimali bovini u l-majjali għat-tkabbir, il-produzzjoni u l-qatla, li l-Iżvezja ppreżentat fis-26 ta' Novembru 2019 fir-rigward tal-programm operattiv tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'ċerti annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 95/50/KE, huma approvati.

*Artikolu 3*

L-emendi, li l-Finlandja ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2020 fir-rigward tal-programm nazzjonali tagħha għall-kontroll tas-salmonella fil-qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus*, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 2006/759/KE, huma approvati.

*Artikolu 4*

L-emendi, li l-Finlandja ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2020 fir-rigward tal-programm nazzjonali tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat tat-tiġieġ ta' *Gallus gallus* li jbidu, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 2007/848/KE, huma approvati.

*Artikolu 5*

L-emendi, li l-Finlandja ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2020 fir-rigward tal-programm nazzjonali tagħha għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat ta' brojlers *Gallus gallus*, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 2008/815/KE, huma approvati.

*Artikolu 6*

L-emendi, li l-Finlandja ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2020 fir-rigward tal-programm nazzjonali tagħha għall-kontroll tas-salmonella fid-dundjani, li ġew approvati bid-Deċiżjoni 2009/771/KE, huma approvati.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja u lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*